MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 447/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C- 2833)**

**vs**

**Matthew Mifsud (K. I. numru 524483 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-27 t'Ottubru tas-sena 2010, li pemezz tieghu is-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hdax –il elf, mija u wiehed Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€11,101.73), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok. "A"),

flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Ottubru tas-sena 2010 sal-jum tal-pagament effettiv;

2. Illi wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tad-9 ta’ Jannar, tas-sena 2009, (Dok. “B”), u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-intimat Matthew Mifsud:

i. Naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura;

ii. Kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti;

iii. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti u b’hekk l-intimat iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 11 ta’ Awissu tas-sena 2010, (Dok. “C”), u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-intimat fuq indikat datata d-19 ta’ Jannar tas-sena 2011, li permezz taghha **ammetta** l-kawza fl-ismijiet premessi;

Ghaldaqstant, din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat Matthew Mifsud iddekada mill-kondizzjonijiet indikati fl-iskrittura privat datata d-9 ta’ Jannar tas-sena 2009;

2. Tikkundanna lill-imsemmi intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. l-ammont ta’ hdax –il elf, mija u wiehed Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€11,101.73);

3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur kontra l-istess intimat.

Marisa Borg
Dep./Reg

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------